TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 254/14/F

**Grace Spiteri**

**vs**

**Ray Bezzina – Treats Collection**

Illum 5 ta' Mejju, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-31 ta' Diċembru, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħamsa u erbgħin ewro (€45), rappreżentanti l-prezz ta' *handbag* illi l-*finish* tiegħu beda jitfarfar.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *handbag* mingħand id-ditta ntimata u wara ftit il-*finish* ta' dan il-*handbag* beda jitfarfar u ħa l-kulur blu minn xi ħaġ'oħra, u għalhekk qed titlob ir-rifużjoni.

L-intimat issottometta li meta nbiegħ il-*handbag* kien f'kundizzjoni perfetta u li ma kienx ifarfar, u li fil-fatt li ġara kien la tqaxxar pero' ħa l-kulur minn xi libsa, illi jidher ċar li l-basket reħa fejn ħakk mal-ħwejjeġ, u li l-kulur huwa ta' lewn cream u m'għandux lewn blu fih.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li huwa minnu li l-*handbag* jidher li reħa, u jidher illi ħakk ma' xi ħaġa ta' lewn differenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888